MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 250/2006

**E. Grech Cristal Bath LImited**

**vs**

**Joseph M Scicluna**

**It-Tribunal**

**Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet l-hlas ta' elf mija u erba' Liri Maltin u sebghin centezmi (LM1104.70) rapprezentanti bejgh u konsenja ta' diversi oggetti forniti mis-socjeta' attrici dovuti mill-konvenut fuq ordni tal-istess konvenut.**

**.**

**Ra l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li preliminarjament ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet;**

**Ezamina d-dokmenti li gew prezentati u kopja informali ta' sentenza 650/03TM Martin Bonello Cole et noe vs Av Dr Patrick Spiteri et quddiem il-Qorti Civili.**

**Sema x-xhieda tas-socjeta' attrici, Adrian Grech, tal-konevnut Joseph M Scicluna u ta' Johan Grech.**

**Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra**

**Illi din hija kawza ghal hlas ta' madum mibgjugha u kkunsinjati mis-socjeta' attrici lill- konvenut u li l-konvenut qed jissolleva l-eccezzjoni li ma hemmx ebda relazzjoni guridika.**

**Jirrizulta mill-atti lli bejgh u konsenja tal-madum saret.**

**Is-socjeta' attrici xehdet illi r-relazzjoni kienet dejjem mall-konvenut personalment u mhux mas-socjeta'. It-Tribunal ha konjizzjoni mill-fatt illi ma kienetx l-ewwel darba li l-konvenut xtara mis-socjeta' attrici.**

**It-Tribunal sema l-konvenut jiddikjara lli l-proforma Invoice kienet inharget f'isem I Group Ltd. Fil-fatt kienet harget fuq I Group minghajr il-kelma Ltd.. Sema lir-rappresentant tas-socjeta' attrici jghid kif il-proforma invoices jinhargu nformalment. Sema wkoll lill-istess xhud jghid illi skond il-parir ta'missieru ma kellux jaghti lil konvenut 'credit terms' ghaliex ma kienx komdu jafdah. Sema kif fit-kontrattazzjoni ghal bejgh ta' madum, l-konvenut qatt ma kien indika li qed jidher ghal socjeta u kien ghal dik ir-raguni lli Adrian Grech kien ha r-responsabilita' li jaghtih 'credit terms.'**

**Ra lli l-proforma invoice ghal madum in nkwistjoni kienet inharget f'Dicembru fuq isem I Group u l-ordni ghal madum kienet saret fil-2 ta' Frar, 2005, l-invoice mall-konsenja kien saret fuq isem Joseph M Scicluna mall-bejgh tal-madum u li s-socjeta' attrici qatt ma rrikkonoxxa s-socjeta' I Group Ltd ghalkemm jidher illli l-ordni saret fuq 'letterhead' tal-I Group Ltd. Jidher illi s-socjeta I Group Ltd giet registrata fis-27 ta' ta' Jannar, 2005 ftit jiem qabel il-bejgh tal-madum. It-Tribunal ha konjizzjoni ukoll illi r-ricevuta fiskali mahruga mis-socjeta' attrici f'Novembru 2005 ta' parti mill-hlas tal-madum, kienet inharget f'isem il-konvenut u ma gietx ikkontestata mill-konvenut.**

**It-Tribunal fehem mix-xhieda tal-konvenut illi l-konevnut kien maghruf mis-socjeta' attrici ghaliex kien xtara diversi drabi mis-socjeta' attrici fil-passat. Kien ghal dawn il-motivi lli x-xhud Adrian Grech kien ha r-responsabilita' ' li jaghtih 30 days credit,' kontra l-parir ta' missieru li ma kienx komdu jafda lil konvenut. Hu minnu ukoll illi s-socjeta I Group Limited giet registrata fis-27 ta' Jannar, 2005 ftit jiem bisss qabel sehh l-bejgh u l-kunsinja tal-madum. Is-Socjeta' baqghet isostni lli taf lil konvenut anke meta nharget ir-ricevuta fiskali disa' xhur wara l-bejgh u cioe' f'Novembru, 2005.**

**Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esibiti, it-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li r-relazzjoni kienet mall-konvenut u mhux mas-socjeta' kif eccepixxa l-konvenut.**

**Fic-cirkostanzi t-tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad l-eccezzjoni li ma hemm ebda relazzjoni guridika u jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din il-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------